MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 663/2003

**Paul & Rocco (Marsa) Limited**

**Vs**

**Tony u Doris Bezzina**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ Lm561.00c (hames mija u wiehed u sittin lira Maltin) rappresentanti tlett kambjali skaduti u mhux imhallsa.

Is-socjeta’ attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas tal-ammont dovut lilha skond it-tlett kambjali.

Bl-imghax legali mid-data ta’ kull skadenza, u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.
Ra li l-konvenuti baqghu kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------